**SIS II**

**Sistema ta' Informazzjoni Schengen II**

*Ngħinu lill-awtoritajiet nazzjonali amministrattivi u ta' infurzar tal-liġi sabiex jipproteġu aħjar iż-żona Schengen, jiġġieldu l-kriminalità u jintraċċaw persuni nieqsin.*

### Mistoqsijiet dwar l-UE?

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

DR-31-13-412-MT-C

© Megumi | Dreamstime.com

# SIS II

# Sistema ta' Informazzjoni Schengen II



## NGĦINUK TIĊĊIRKOLA B'MOD LIBERU, NGĦINUK TGĦIX FIS-SIGURTÀ

Aktar informazzjoni dwar SIS II u d-drittijiet tiegħek fuq:
**ec.europa.eu/dgs/home-affairs/sisii**

ISBN 978-92-79-28166-2

doi:10.2837/16555

© L-Unjoni Ewropea, 2013

L-UNJONI EWROPEA

MT

## X'inhi ż-żona Schengen?

Iż-żona Schengen hija parti kbira mill-kontinent Ewropew fejn tneħħew il-kontrolli mal-fruntieri interni komuni. Il-pajjiżi li jipparteċipaw f'din iż-żona japplikaw regoli komuni għall-kontrolli mal-fruntieri esterni taż-żona Schengen, kif ukoll għall-ħruġ ta' viżi u kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji f'materji kriminali (ara s-sit elettroniku li jsir riferiment għalih fl-aħħar ta' dan il-fuljett għal-lista tal-pajjiżi Schengen).

## X'inhi s-Sistema ta' Informazzjoni Schengen?

Is-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (u t-tieni ġenerazzjoni tagħha – SIS II) hija fil-qalba tal-kooperazzjoni Schengen. Hija sistema ta' informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet responsabbli mill-kontroll tal-fruntieri nazzjonali, tad-dwana u tal-pulizija fil-fruntiera esterna ta' Schengen kif ukoll fi ħdan iż-żona Schengen li jiċċirkolaw bejniethom twissijiet dwar nies imfittxija jew neqsin u oġġetti, bħal vetturi u dokumenti misruqa. Għalhekk SIS II tkompli fir-rwol importanti ta' kumpens għat-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri interni u tiffaċilita l-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen.

SIS II tipprovdi informazzjoni dwar individwi li m'għandhomx id-dritt li jidħlu jew joqogħdu fiż-żona Schengen, jew dwar dawk li huma mfittxija fir-rigward ta' attivitajiet kriminali. SIS II fiha wkoll informazzjoni dwar persuni neqsin, b'mod partikolari tfal jew persuni vulnerabbli oħrajn li għandhom bżonn ta' protezzjoni. Fis-SIS II jinżammu wkoll dettajli ta' ċerti oġġetti, pereżempju karozzi, armi tan-nar, dgħajjes u dokumenti tal-identità li jistgħu jkunu mitlufin jew misruqa jew użati sabiex iseħħ reat.

Fir-realtà, awtorità tad-dwana, tal-pulizija, ġudizzjarja jew ta' amministrazzjoni relevanti f'pajjiż tista' toħroġ 'twissija' li tiddeskrivi l-persuna jew l-oġġett li jkunu qed jiġu mfittxija. Raġunijiet għall-ħruġ ta' twissija huma:

- sabiex jiġi rrifjutat id-dħul ta' persuni li m'għandhomx id-dritt li jidħlu jew joqogħdu fiż-żona Schengen
- sabiex tinstab jew tinżamm persuna li għaliha inħareġ Mandat ta' Arrest Ewropew
- sabiex tgħin biex jinstabu individwi kif mitlub minn awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet taż-żamma tal-ordni
- sabiex tinstab u tkun protetta persuna nieqsa
- sabiex tinstab proprjetà misruqa jew mitlufa.



© iStockphoto | Maciej Noskowski

Dejta miżmuma fis-SIS II hija d-dejta meħtieġa sabiex tkun identifikata persuna (inkluż ritratt u marki tas-swaba') kif ukoll informazzjoni relevanti dwar it-twissija (inkluża l-azzjoni li għandha tittieħed).

## Liema awtoritajiet għandhom aċċess għad-dejta tas-SIS II?

L-aċċess għas-SIS II huwa limitat għall-awtoritaijiet nazzjonali taż-żamma tal-ordni, ġudizzjarji u amministrattivi. Dawn l-awtoritajiet jista' jkollhom aċċess biss għad-dejta tas-SIS II li jeħtieġu għat-twettiq speċifiku tad-dmirijiet tagħhom. L-Aġenziji Ewropej EUROPOL u EUROJUST għandhom drittijiet limitati għall-aċċess sabiex iwettqu ċerti tipi ta' tfittxija.

## Kif tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dejta personali?

L-awtoritajiet ta' kull pajjiż li jużaw is-SIS II huma obbligati li jikkontrollaw il-kwalità tal-informazzjoni li jdaħħlu fis-sistema. Fiż-żona Schengen hemm ħtiġijiet stretti dwar il-protezzjoni tad-dejta. Jekk tinżamm dejta personali dwar individwu, dak l-individwu għandu d-dritt li jitlob aċċess għaliha u li jiżgura li tkun preċiża u mdaħħla skont il-liġi. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-individwu għandu d-dritt li jitlob li din tiġi rranġata jew imħassra.

L-aċċess jista' jiġi rrifjutat biss meta jkun indispensabbli għat-twettiq ta' xogħol legalment validu relatat ma' twissija jew sabiex ikunu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra.

## X'jiġri jekk ismi jintuża b'mod ħażin minn xi ħadd involut f'reat jew għal dħul illegali fiż-żona Schengen?

Xi kultant tintuża identità falza fit-twettiq ta' reati jew meta jkun hemm tentattiv ta' dħul jew ta' soġġorn fiż-żona Schengen. Dan l-użu ħażin ta' spiss jinvolvi dokumenti mitlufa jew misruqa. Jekk sitwazzjoni bħal din twassal li tiddaħħal twissija fis-SIS II tista' tikkawża diffikultajiet għall-persuna innoċenti li tkun insterqitilha l-identità. Madankollu, ġew stabbiliti proċeduri dettaljati li jipproteġu l-interessi ta' persuni innoċenti (ara iktar 'l isfel).

## Kif tapplika għal aċċess, tibdil, tħassir u fil-każ ta' użu ħażin tad-dejta personali tiegħek.

Jekk taħseb li l-informazzjoni personali tiegħek intużat ħażin, jew jeħtieġ li tiġi rranġata jew imħassra, tista' titlob għal aċċess fi kwalunkwe pajjiż ta' Schengen billi tikkuntattja lill-awtorità kompetenti (normalment l-awtorità nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta jew l-awtorità responsabbli għall-kwalità tad-dejta nazzjonali mdaħħla fis-SIS II). Jekk inti tinsab barra ż-żona Schengen tista' tikkuntattja lill-konsulat ta' pajjiż ta' Schengen fil-pajjiż li tkun qed tgħix fih dak iż-żmien. Inti tiġi infurmat dwar is-segwitu li jingħata għat-talba tiegħek fi żmien tal-inqas tliet xhur.

Aktar informazzjoni dwar is-SIS II u d-drittijiet tiegħek fuq:
**ec.europa.eu/dgs/home-affairs/sisii**